MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 231/2011

**Charles Grech & Co Ltd (C-2473)**

**vs**

**Mark Aquilina f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Cocktail Limited (C-35704)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Lulju 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallsuha s-somma ta' sitt elef, tlett mija u hamsa w sebghin Ewro u sebgha Ewro centesmi (€6,375.07) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenut Mark Aquilina li giet prezentata fil-25 ta' Jannar 2012 f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Cocktail Limited fejn eccepixxa:

*1. "Illi in linea preliminari, l-eccipjent Mark Aquilina personalment m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti, billi huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;*
*2. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, 'inter alia', tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*
*3. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu resprinti billi, 'inter alia', mhuwiex minnu illi l-eccipjenti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont indikat fir-rikors promotorju;*
*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi."*

**Mark Aquilina** xehed fid-9 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li huwa jiftakar li f'Gunju tas-sena elfejn u sebgha kien gie avvicinat minn Shane Scicluna biex jixtri nofs club gewwa Paceville maghruf bl-isem ta' The Edge. Eventwalment kienu ltaqghu u kien ftiehem u xtara nofs dan il-club wara li kien ra l-accounts tal-kumpanija Cocktail Limited.

Huwa stqarr illi fis-socjeta' tieghu Innovative Company Limited kien xtara hamsin fil-mija (50%) tas-socjeta' Cocktail Limited u Innovative Entertainment u kienu zewg diretturi, hu flimkien ma' Ottavio Suda u sussugwentament spiccaw li kienu tliet diretturi fuq Cocktail Limited ghax maghhom kien hemm ukoll Shane Scicluna. Kienet din is-socjeta' li kienet topera The Edge. Kien hemm manager li kienu zammewh, certu Alberto Bufani u kien hu responsabbli ghax-xiri u l-konsenja tax-xorb ghal dan il-club.

Ix-xhud spjega li fi Frar tal-elfejn u disgha (2009) jew jista’ jkun aktar tard ta’ l-elfejn u tmienja (2008), kien xtara wkoll hamsin fil-mija (50%) share ta’ Shane Scicluna u ghalhekk baqghu li Innovative Entertainment hadet il-mija fil-mija (100%) tal-Cocktail Limited.

Ix-xhud iddikjara li huwa d-direttur ta’ Cocktail Limited. Huwa kkonferma li effettivament kellhom negozju mas-socjeta’ attrici u kienu jixtru x-xorb minn ghandu. Huwa jaf li s-socjeta’ Cocktail Limited ghandha taghti xi flus lil Charles Grech. Effettivament ix-xhud kien iffirma l-kont li ghandhom mas-socjeta’ attrici bhala direttur ta’ Cocktail Limited. L-invoices li kienet tohrog is-socjeta’ attrici kienu jigu ndirizzati lil Cocktail Limited u l-pagamenti kienu jsiru mill-club stess mill-cash flow li kienet tiggenera l-club.

Huwa stqarr illi huwa bhala Mark Aquilina proprju ma ghandu l-ebda negozju. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat Dok CSH li huwa datat 20 ta’ Dicembru 2007 rigwardanti l-ftehim li huwa kellu mas-socjeta’ attrici. Fis-sena elfejn u sebgha (2007) diretturi kienu x-xhud stess u Shane Scicluna zgur, pero’ x-xhud mhux cert jekk Ottavio kienx ukoll direttur tas-socjeta’ Cocktail Limited jew jekk kienx biss ta’ Innovative Entertainment.

Id-dokument CSH huwa credit agreement li huwa kellu ma’ Charles Grech u dan ghan-nom tieghu tas-socjeta’ Cocktail Limited. Huwa sostna li l-parti fejn hemm miktub li huwa kien qed jidhol responsabbli skond dan il-ftehim ma ffirmahiex. Huwa ffirma biss fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur.

Ix-xhud esebixxa numru ta’ invoices mahruga mis-socjeta’ attrici f’isem is-socjeta’ Cocktail Limited li gew immarkati komplessivament u globalment bhala dokument CSH1. Fil-ftehim hemm miktub li huwa kien qed jagixxi wkoll f’ismu personali, pero’ fil-parti ta’ isfel ta’ dan id-dokument fejn hemm il-firma tieghu bhala personalment ma ffirmahiex. Kien ghalhekk li huwa qal li dahal f’dan in-negozju biss ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija. Huwa zied jghid li minkejja li hemm dik il-klawsola numru hamsa, dan il-kuntratt gie ffirmat fil-hdax ta’ bil-lejl. Huwa sostna li

x-xoghol ghaddej tajjeb u huma ma ghandhom l-ebda intenzjoni li ma jhallsux fil-fatt dak li hu dovut. Huwa xtaq jghid li meta ffirma dan il-ftehim ma’ kellu l-ebda spjegazzjoni dwaru.

**Veronica Cefai**, accounts clerk mas-socjeta’ Rainbow Mix, xehdet nhar is-6 ta’ Gunju 2012 fejn qalet li wiehed mid-diretturi tal-kumpanija huwa Mark Aquilina. Qalet li Mark Aquilina ghandu diversi socjeta’jiet ohra li joperaw minn dan l-istess registered office fosthom Entertainment Limited, Cocktail Limited u ix-xoghol taghha hu li tiehu hsieb il-postings accounts ta’ dawn id-diversi kumpaniji. Spjegat li Cocktail Limited tiehu hsieb night clubs fosthom The Edge. Mistoqsija jekk tafx xejn dwar is-socjeta’ Charles Grech Limited qalet li taf u jirrizulta li hemm dokumentazzjoni fir-records taghhom. Stqarret li taf li kienu jaghtu servizz lis-socjeta’ Cocktail Limited u ta’ dan is-servizz kienu jintbaghtu invoices ghal hlas. Giet murija statement a fol 22 u l-invoices ta’ wara tal-process u kkonfermat li huma kienu jircievu invoices bhal dawn. Dawn huma indirrizati lil Cocktail Limited. Mistoqsija x’kien jaghmel Shane Scicluna fis-socjeta’ Cocktail Limited wiegbet li ma tafx. L-istatement esebit a fol 20 kienu ircevew kopja bhalu fl-ufficcju. Qalet li qatt ma rcevew statements f’isem Mark Aquilina personalment, izda dejjem f’isem Cocktail Limited. Esebiet l-ahhar interpellanza li huma ghandhom on records mibghuta lilhom minn Dr Reuben Farrugia nhar l-24 ta’ Jannar 2011 dwar din il-pendenza. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument Z. Mistoqsija jekk Mark Aquilina ghandux xi negozju legittimu f’ismu personali wiegbet li le m’ghandux. Huwa minnu li f’ kull invoice li hawn esebit fl-atti hemm isem il-kumpanija kif ukoll isem il-konvenut, Mark Aquilina. Huwa minnu li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici. Mistoqsija kemm hu dan l-ammont tghid li li ma tafx. Mistoqsija jekk Mark Aquilina irceviex kopja ta’ din l-ittra Dok Z fir-residenza tieghu tghid li ma tafx. Ittenni li meta Mark Aquilina jircievi ittri dwar negozju igibhom l-ufficcju. Ikkonkludiet li Aquilina li qatt ma hadilha ittra li tkun f’ismu personali mibghuta lilu minn Charles Grech.

Rat illi fis-27 ta’ Gunju 2012 xehed **Stuart Farrugia** fejn iddikjara li huwa jokkupa il-kariga ta’ financial controller

mas-socjeta’ attrici. Huwa spjega li meta huma jibdew jinnegozjaw ma’ xi kumpanija gdida, igeghlu lil din kumpanija jew lil dak li jkun sabiex jimla’ credit form application. Dan il-credit agreement jigi iffirmat kemm mid-diretturi tas-socjeta’ in kwistjoni, u fil-kaz in kwistjoni, Mark Aquilina iffirma dan il-ftehim ghan-nom u reprezentanza tas-socjeta’ Cocktail Limited rigward l-istabbiliment The Edge, u skont il-klawsola numru hamsa tal-ftehim li jinsab esebit fl-atti, id-direttur in kwistjoni, u dan b’referenza ghal Mark Aquilina, ikun qed jiffirma ghan-nom personali tieghu ukoll, de propio - fejn hu qed jobbliga ruhu in solidum flimkien mas-socjeta’ Cocktail Limited. Ghalhekk f’dan il-kas Mark Aquilina iffirma kemm f’ismu personali kif ukoll ghan-nom u rapprezentanza tas-socjeta’ Cocktail Limited.
Ix-xhud gie muri d-dokument CSH fl-original tieghu, liema credit agreement l-originali jinsab f’idejn is-socjeta’ attrici. Mistoqsi jekk kienx prezenti waqt li gie iffirmat id-dokument esebit fl-atti a fol 35, qal li le. Huwa spjega li meta dan il-ftehim kien gie iffirmat, huwa ma kellux il-kariga ta’ financial controller, pero’ f’dan il-kaz il-credit agreement gie iffirmat bejn Mark Aquilina u is-sales representative taghhom li huwa Mr Ralph Leone Ganado. Ghalhekk Ralph Leone Ganado kien prezenti waqt l-iffirmar ta’ dan il-ftehim. Fi zmien meta gie iffirmat dan il-ftehim huwa kien l-assistent tal-financial controller.
Huwa ma jafx jekk Mark Aquilina kienx l-uniku direttur ta’ Cocktail Limited. Fil-fatt fl-20 ta’ Dicembru 2007, il-kumpanija tax-xhud Charles Grech Limited kienet iffirmat dan il-ftehim credit agreement ma’ Mark Aquilina in konnessjoni ma’ l-istabbiliment The Edge kif ukoll kienet iffirmat xi ftehim iehor mieghu rigwardanti font iehor. Qabel ma gie iffirmat dan il-ftehim kienu diga’ jezistu transactions bejn is-socjeta’ attrici u Mark Aquilina. Sa fejn jaf hu The Edge kien dejjem jippartjeni lil Mark Aquilina. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim iehor ma’ Mark Aquilina qabel ma’ gie iffirmat dak esebit fl-atti a fol 35 qal li ma jafx li kien hemm.
Huwa spjega li l-ammonti li qed jitolbu huma gew akkumulati wara li gie iffirmat dan il-credit agreement. Fil-fatt Mark Aquilina kien accetta dan id-debitu tieghu u fil-fatt kien diga’ hallas xi ammonti akkont, u dan sar permezz ta’ cash jew cheque. Waqt dan il-perjodu, cioe’

mill-iffirmar tal-ftehim l' hawn, jekk kien hemm xi pagamenti, dawn kienu minimi. Mistoqsi fil-fatt min kien qed jinnegozja ma' dan Mark Aquilina, wiegeb li fil-fatt Ralph Leone Ganado kien qed jikkommunika mal-manager tal-istabbiliment The Edge. Mistoqsi min kien dan il-manager, qal li huwa mhux f'posizzjoni li jghid.

Ix-xhud gie muri l-istatements esebiti fl-atti a fol 22 et seq tal-process u qal li dawn jirreferu ghal statement u diversi invoices mahruga mis-socjeta' attrici. Huwa qabel li l-invoices f'din is-sitwazzjoni li hawn esebiti fl-atti huma mahruga f'isem Cocktail Limited. L-invoices hargu The Edge Cocktail Limited u dan anke wara li gie iffirmat il-ftehim. Il-VAT number fuq dan l-invoice jista' jkun ta' Cocktail Limited. Mistoqsi jekk Shane Scicluna kienx Direttur tas-socjeta' Cocktail Limited, qal li ma jafx. Huwa lil Shane Scicluna ma' jafux vis-a-vis l-istabbiliment The Edge pero' jaf li ghandu negozji kummercjali ohra. Ix-xhud beda jokkupa l-kariga ta' Financial Controller minn Jannar 2009 u qablu kien hemm certu Peter Bonello.

**Ralph Leone Ganado** li huwa sales representative mas-socjeta' Charles Grech & Company Limited xehed nhar l-4 ta' Lulju 2012 u stqarr li lil Mark Aquilina ilu jafu xi tnax-il sena ilu. Sussugwentament sar jaf li huwa fetah xi bar maghruf bhala 'The Edge' gewwa Paceville, u beda ibeghlu x-xoghol ghan-nom tal-kumpanija Charles Grech. Muri *credit agreement* inserit fl-atti a fol 35 u mmarkat bhala dokument CSH qal li kien hu li innegozja dan il-ftehim. Spjega li meta l-kumpanija tieghu jkollha klijent gdid, huma jesigu dan il-*credit agreement*. Fil-fatt ftakar li kien qara dan il-ftehim flimkien mieghu. Naturalment jekk il-klijent ikun ser ihallas cash ma' jkunx hemm bzonn ta' dan il-ftehim. Generalment wara li jaqra dan il-ftehim, il-klijent jerga' jaghti titwila ta' dan il-ftehim, ikun hemm min jiehdu d-dar mieghu u jerga' igibulu, pero' f'dan il-kaz, wara li kienu qrawh *paragraph paragraph* flimkien, ma kienx hemm oggezzjoni min-naha tieghu, u ghalhekk jaf li iffirma dan il-ftehim. Dak in-nhar huwa kien iffirma quddiemu u sahansitra kien anke pogga l-identity card tieghu.

Ix-xhud ftakar li ftit zmien ilu Mark Aquilina kellu xi partners u f'dak iz-zmien ma kienx hemm problemi dwar il-pagamenti, izda in segwitu meta Mark Aquilina beda'

jixtri n-negozju ghalih wahdu, bdew jinqalghu l-intoppi u l-hlas ma' kienx ikun regolari. Fil-fatt kienu ltqaghu meta sar il-business tieghu wahdu, qal li fil-bidu bdew mexjin bil-pagamenti, izda mbaghad waqaf. Huwa baqa' jmur fl-istabbiliment tieghu xi darbtejn fil-gimgha, bil-ghan li jigbor il-flus li huma dovuti lis-socjeta' Charles Grech, pero' ma kienx ikollu success. Huwa stqarr li diversi drabi ma' kienx ikun hemmhekk u in segwitu kien jiltaqa' ma' xi manager tieghu, bl-isem ta' Alberto. Kien Taljan u x-xhud stqarr li fil-bidu kien jaghtih wkoll xi pagamenti akkont, xi mitejn Ewro u dan wara li ottjena il-permess minghand Mark. U kienu regghu bdew mixjin fis-sens li jirriduci l-bilanc. Pero' f'daqqa wahda Alberto qallu li ma setghax ihallas aktar ghax il-finanzi kienu f'idejn Mark Aquilina u minn hemm waqaf kollox.
Minn dak inhar ippruvaw jaghmlu tentattivi diversi drabi sabiex jiltaqghu ma' Mark Aquilina. Dejjem jghidlu li ser jirrangaw pero' qatt ma' wasal bil-hlas. Darba minnhom iltaqa'mieghu wara xi kuncert u fakkru fil-bilanc u staghgeb u qallu '*mela kien ghad fadal bilanc'* u naturalment qallu li iva kien ghad baqa', izda hu kien qed jilghaba qisu ma jafx xejn. Ix-xhud tenna li ilu jahdem ma' Charles Grech & Company Limited, ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena.
Huwa minnu li Mark Aquilina kien klijent taghhom qabel ma gie iffirmat dan il-ftehim, pero' fis-sena 2007 kienu ghamlu ezercizzju fejn id-debituri kollha taghhom kienu iffirmaw dan il-ftehim. Ghalih il-klijent huwa 'The Edge'. Il-kumpanija li thallsu fuq dan il-post kienet Cocktail Limited. Spjega li l-unika diferenza li kien hemm f'dan il-ftehim hija li qabel dan il-ftehim Mark Aquilina kellu zewg partners ohra u l-hlas kien isir regolari u llum il-gurnata il-hlas ma jsirx. Tenna li huwa kien jithallas minghand Cocktail Limited u anke l-invoices kienu johorgu f'isem Cocktail Limited, u jimmagina li l-VAT Number huwa ta' Cocktail Limited. Lilu f'ebda hin ma' qallu Mark Aquilina li kellhom jiffirmaw xi diretturi ohrajn minn tas-socjeta' Cocktail Limited. Ghan-nom ta' Cocktail Limited, l-uniku persuna li iffirmat kuntratt mieghu huwa Mark Aquilina. Ftakar li effettivament kienu iffirmaw dan il-ftehim fl-istabbiliment '*The Edge'* ghal habta tas-sitta ta' filghaxija.

Mistoqsi jekk staqsiex lil Mark Aquilina jekk kienx mizzewweg jew le qal li jista jkun li iva u jista jkun li le, pero' nesa. Ghalih Mark Aquilina deher kuntent bil-firma tieghu u waqfu hemm. Mistoqsi jekk talbux sabiex jiffirma fuq in-naha tal-lemin tal-ftehim fejn hemm il-kelma 'guarantor' wiegeb li iva jista jkun, pero' ma jiftakarx. Huwa pero' ma qallu xejn dwar il-kwistjoni ta' responsabbilta'. Ikkonferma li Mark Aquilina ma talab l-ebda kjarifika fuq dan il-ftehim. Kien kuntent b'dak li kien hemm miktub fil-ftehim u ghalhekk iffirma**.**

Rat ir-rikors tal-konvenut Mark Aquilina f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' konvenuta Cocktail Limited prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-31 ta' Lulju 2012 fejn talab li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri fis-sens li jqajjem in-nullita' tal-kuntratt tal-20 ta' Dicembru 2007.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Awwissu 2012 fejn ordnat notifika tar-rikors lill-kontroparti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici fejn oggezzjonat ghat-talba ta' Mark Aquilina et prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Settembru 2012.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni minkejja li l-partijiet ma jipprezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok dwar ir-rikors ta' Mark Aquilina sabiex jigi awtorizzat jipprezenta eccezzjoni ulterjuri jinghad is-segwenti:

Illi in primis jigi rilevat li skond ir-rikorrenti Mark Aquilina et tali talba sabiex jipprezenta eccezzjoni ulterjuri saret ai termini tal-**Artikolu 1226 tal-Kap 16** u cioe' li l-eccezzjoni ta' nullita tista' tinghata f'kull zmien u tista' tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-kazijiet kollha li fihom huwa innifsu seta' jagixxi ghar-rexissjoni.

Dwar dan, il-Qorti tirrileva li r-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Ghal din ir-regola hemm zewg eccezzjonijiet:

1. Id-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta (li ma jidhirx li huw al-kaz in ezami); u

2. Id-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l-hekk imsejha eccezzjoni li r-rikorrenti ghamel referenza ghaliha u cioe' dik ta' nullita' ta' att li ghandhom l-effett li jwaqfu l-proceduri.

Illi jinghad li r-rikorrenti fir-rikors tieghu ma spjegax fejn hi n-nullita' tal-att cioe' tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. Qal biss li huwa (Mark Aquilina de proprio) ma kienx awtorizzat jiffirma l-ftehim personalment.

Illi taht dan l-aspett ta' allegata nullita' ta' ftehim jew skrittura l-Qorti wkoll tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lam"** (Vol XXX VI pt ii pg 585 datata 27 ta' Gunju 2002 (RCP)) u cioe' li:

*"hija gurisprudenza kostanti li meta l-kwistjoni hija ta' nullita', l-konvenut f'kawza jista jaghtiha b'eccezzjoni, imam jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita', ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni ad hoc* [ara wkoll Vol XXX VIII pt I pg 51]. *Ghalhekk, fin-nuqqas ta' gudizzju difinittiv il-Qorti ma tistax tissindika l-garanzija de quo."*

Illi in verita' fil-kawza odjerna l-fatti huma simili salv li mhix kwistjoni ta' garanzija izda ta' ftehim, liema ftehim mertu tal-kawza odjerna huwa car u ma jhalli l-ebda lok ta' ambigwita'. Fil-kawza fl-ismijiet **"Albert Brincat et vs**

**<u>Anthony Saliba pro et noe</u>"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-14 ta' Novembru 1993, il-Qorti kienet qalet li ma tista' tingieb l-ebda xhieda biex tigi spjegata skrittura li kienet cara u mhux ambigwa.

Illi dan huwa biss konferma tal-principju generali tal-ligi u senjatament l-**Artikolu 1002 tal-Kodici Civili** li jghid illi:

"*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*".

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**<u>Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines</u>**" **deciza fis-27 ta' Gunju 2002 (RCP)**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti f'illi rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvalta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi intqal *inoltre* illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P.I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"<u>Beacom vs Spiteri Staines</u>"** – ibid; **"<u>Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni</u>" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; **"<u>Anton Spiteri vs Alfred Borg</u>"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; **"<u>Emanuel Schembri vs Leonard Ellul</u>" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Issa f'dan il-kaz ir-rikorrenti ghamel referenza ghas-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Jannar 2004 mill-Prim'Awla fl-ismijiet '**L-Avukat Dr Hugh Peralta noe vs Credinvest International Corporate Finance Limited'** fejn f'dik is-sentenza giet trattata il-kwistjoni jekk il-konvenuti setghux jecepixxu in-nullita' tal-kuntratt in kwistjoni inkella kellhomx bzonn li jistitwixxu azzjoni ad hoc illi permezz taghha jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt, u dik il-Qorti kienet tal-fehma li ma kienx hemm bzonn ta' azzjoni ad hoc ghalkemm f'sentenza li inghatat fl-ismijiet '**Joseph Gatt vs Joseph Galea'** deciza nhar it-12 ta' Lulju 1965 mill-Qorti ta' l-Appell il-posizzjoni kienet kompletament opposta fil-fatt f'dik is-sentenza il-Qorti irriteniet li "*il-kwisjtoni ma hiex wahda ta' nullita' ta' l-ftehim allegat mill-attur, ghaliex meta il-kunsens ikun ivvizzjat, il-kuntratt ikun sempliciment invalidu imam mhux anke null: Il-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabli.*"

Naturalment u fortunatament hawn f'Malta m'ghandniex is-sistema Ingliza tal-'*law of precedence'* u ghalhekk kull Qorti hija libera li tiddipatixxi minn kwalsiasi principju gja enuncjat f'sentenzi ohra jekk ma taqbilx maghhom purche' taghti r-ragunijiet taghhau dan hu proprju dak li ser taghmel din il-Qorti f'dan ir-rigward.

Kif tajjeb osseva l-avukat difensur fir-risposta tieghu, din il-Qorti trid taghmel differenza bejn att li huwa null *ab initio* u dak li huwa annullabli permezz ta' azzjoni *ad hoc*. Hekk fil-kawza '**Col. John L.Francica noe vs Francesco Vassallo pro et noe et'** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Gunju 1930 (Vol. XXVII.II.262) u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Marzu 1931 '*una nullita ...non espressamente comminata dalla legge e non succedente ipso iure si deve proporre per via di azione e non di eccezzione siccome dette disposizione contenuta nei citato articolo 934 dell'Ordinanza No. VII del 1868 (Articolo 1270 tal-Kodici Civili ) avvene per oggetto di elevare ad espresso disposto legislative la regola 'temporalia ad a agendum sunt, intesa nel senso che qualunque nulita possa venire proposta in via di*

*eccezione'* *gurada caso* **P.A Agius vs Dr Frendo**' 15.3.1876 u **P.A Vella vs Griscti** 28.3.1893 Vol XIII p. 571 u **Rutters vs Philips** deciza 13.1.1926).

Illi ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li qabel ma taccetta ir-rikors tal-konvenuti trid l-ewwel tara jekk dak li qed jeccepixxu l-konvenuti hix kwistjoni ta' nullita' jew ta' annullabilita'.

Skond l-awtur Laurent ghalkemm il-kodici qieghed l-erba' kundizzjonijiet essenzjali ghal validita' ta' kull konvenzjoni (cioe' il-kunsens, kapacita', l-oggett u l-kawza) fuq l-istess linja, fid-dottrina jsiru distinzjonijiet. Tlieta minn dawk il-kundizzjonijiet huma rikjesti ghall-ezistenza u huma l-kunsens, l-oggett l-kawza mentre ir-raba' wahda u cioe' l-kapacita' hi rikjesta biss ghall-validita' tal-kuntratt. Il-Pacifico Manzoni jghid li l-att inezistenti huwa '*nullo in senso proprio'* mentri l-att sempliciment invalidu huwa '*nullo in senso improprio o annullabile'* Istituzione Vol II para 159 et seq .

Issa f'dan il-kaz il-konvenut Mark Aquilina de proprio jghid li ma kienx awtorizzat jiffirma il-ftehim. Din id-dikjarazzjoni zgur li ma ggibx in-nullita' tal-ftehim semmai tesponi lill-istess konvenut de proprio ghad-danni mis-socjeta' konvenuta ghalkemm anke din l-azzjoni hija remota.

Ghalhekk, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikors tal-konvenuti ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza a bazi tal-fatt li huma jixtiequ jipprezentaw eccezzjoni ai termini tal-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili, molto piu' meta tqis li tali eccezzjoni sejra tbiddel in-natura tal-kaz u l-provi li talvolta setghet resqet is-socjeta' attrici u '*selecta una via non datum recusosad alteram.'*

Dwar il-mertu u cioe' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioe' li l-konvenut Mark Aquilina de proprio mhux il-legittimu kontradittur din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal xi ftit gurisprudenza dwar dan l-istitut.

Fil-bicca l-kbira ta` dawk il-kazi fejn kreditu pretiz jigi kontestat abbazi tad-difiza ta` l-illegittimita` tal-persuna, il-

kwistjoni tkun ghaliex l-allegat debitur jghid li huwa ma kienx qieghed jagixxi fil-kwalita` personali tieghu izda bhala rapprezentant ta` kumpanija. U l-gurisprudenza taghna tat direzzjoni bl-insenjamenti taghha dwar kif materja ta` din ix-xorta ghandha tigi trattata (ara: PA/JZM – **"Zammit noe vs Lubinsky"** – 30 ta` Marzu 2010 ; Appell – **"Vella vs Vella"** - 3 ta` Dicembru 1999 ; Appell - **"Caruana et vs Magro et" -** 6 ta` Ottubru 1999 ; Appell – **"Formosa et noe vs Felice"** – 6 ta` Ottubru 1999 ; K/JDC - **"Bonnici noe vs Grima" -** 30 ta` April 1992 (LXXVI.IV.677) ; u
K/FGC - **"Cilia noe vs Scicluna"** - 27 ta` April 1992 (LXXVI.IV.673).

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri ) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.’*

Ta’ importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta’ Marzu 2002 fl-ismijiet ‘**<u>Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael’</u>** fejn inghad li:

*“Meta negozju jkun gestit minn socjeta’ b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”*

Issa fil-kaz odjern jidher li l-kontendenti huma marbuta bi ftehim u cioe' dak komunement maghruf bhala *credit agreement* esebit fl-atti a fol. 35 immarkat bhala Dok CSH liema ftehim jammonta ghar-*res inter alios acta* bejn il-partijiet u ghandu l-forza ta' ligi, f'liema ftehim il-konvenut Mark Aquilina kien deher u ffirma personalment u ghan-nom tas-socjeta' Cocktail Limited. Jidher skond ix-xhieda imresqa li l-konvenut kien iltaqa' mad-dirigenti tas-socjeta' attrici u tkelmu dwar in-negozju li kien qed jikkontratta u kien wara li l-istess rapprezentant fehmu l-import ta' tali ftehim li l-konvenut iffirma. Fil-fatt minn ezami tal-invoices esebiti jidher li hemm kemm l-isem tal-konvenut Mark Aquilina kif ukoll isem is-socjeta' Cocktail limited. Oltre dan l-konvenut kien jiltaqa' mas-salesman Ralph Leone Ganado u dan kien ifakkru fid-debitu dovut u dan qatt ma qallu li ma kienx id-debitur tas-socjeta' attrici.

Il-Qorti tiskanta kif proprju f'dan l-istadju meta il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza preliminari u cioe' fil-mori ta' l-ahhar differiment dwar min hu il-legittimu kotnradittur li l-konvenuti de proprio holmu li setghu jipprezentaw eccezzjoni fis-sens li jecepixxu li l-ftehim Dok CSH huwa null. Dan l-agir tal-konvenut f'ghajnejn il-Qorti huwa biss intenzjonat sabiex jittentaw itawwlu l-proceduri.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara li kemm il-konvenut Mark Aquilina kif ukoll Mark Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Cocktail Limited huma l-legittimi kontraditturi tas-socjeta' attrici u ghalhekk tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-mertu.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza huma rizervati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------